GHASRI LOCAL COUNCIL
6, Dun Karm Caruana Street , Għasri, GSR 1021
Tel: 21558686
www.ghasri.com email: ghasri.lc@gov.mt

Information Leaflet
October 2020
Leaflet No. 140

## Recreational Area in Għasri Square

Due to objections made to the Council's application for the creation of a recreational area in the Ghasri Square the council has withdrawn this application. The Council will be submitting a new application on a different site. Thus, the creation of the recreational area has been stalled. The Council will not give up on this dream.

## Żona rikreattiva fil-Pjazza tal-Għasri

Minħabba oġġezzjonijiet li saru għall-applikazzjoni tal-Kunsill għall-ħolqien ta' żona ta' rikreazzjoni fil-Pjazza tal-Għasri, il-Kunsill irtira din l-applikazzjoni. Il-Kunsill se jkun qed iressaq applikazzjoni ġdida fuq sit differenti. Għalhekk, il-ħolqien taż-żona ta' rikreazzjoni ġie pospost. Il-Kunsill mhux se jaqta qalbu minn din il-ħolma.

**Collection of Recycling Bags and Organic Bags** Residents may call at the council office to collect recycling bags and organic bags upon presentation of Identity card.

**Ġbir ta' Boroż tar-Riċiklaġġ u Boroż tal-Organic** Il-Kunsill għandu boroż tar-riċiklaġġ u boroż tal-ġbir organiku għar-residenti. Wieħed għandu jġib miegħu l-karta tal-identita.

---

**Library Opening Hours (winter)** Wednesdays 15:00 –17:00 Saturdays 8:30 –11:30

**Ħinijiet tal-ftuħ tal-Librerija (xitwa)** L-Erbgħa 15:00—17:-00, Is-Sibt 8:30 –11:30

**MaltaPost Sub Post Office Opening Hours** Monday to Friday 08:30—12:30 Saturdays: 08:30—11:15

**Ħinijiet tal-ftuħ tal-posta:** it-Tnejn sal-Ġimgħa 08.30—12:30 Is-Sibt 08:30—11:15

---

## LOCAL AND RESIDENT PUBLISHED AUTHORS

***This event has been postponed until further notice due to the current pandemic situation.***

The Għasri Local Council intends to hold an event to celebrate both local and residents in our village who have had their written work published here or abroad.

## AWTURI LI PPUBBLIKAW - LOKALI U RESIDENTI

***Dan l-avveniment ġie pospost minħabba s-sitwazzjoni pandemika attwali.***

Il-Kunsill Lokali tal-Għasri għandu l-intenzjoni li jorganizza avveniment biex jiċċelebra kemm il-Maltin kif ukoll ir-residenti barranin fir-raħal tagħna li kellhom ix-xogħol bil-miktub tagħhom ippubblikat lokalment jew barra.

# KUNSILL LOKALI L-GĦASRI

6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri, GSR 1021
Tel: 21558686
www.ghasri.com email: ghasri.lc@gov.mt

Fuljett
Ta' Tagħrif
Nru.140
Ottubru 2020


## Premju Ġieħ L-Għasri 2020



Il-Kunsill Lokali tal-Għasri għandu l-pjaċir iħabbar li l-Premju Gieħ l-Għasri ser jingħata lill-Ambaxxatriċi Dr. Theresa Cutajar.

L-Ambaxxatriċi Theresa Cutajar kisbet B.A. (Hons.) Fl-Ekonomija mill-Università ta' Malta u Master fid-Diplomazija mill-Akkademja Mediterranja għall-Istudji Diplomatiċi (MEDAC). Hija segwiet kors post-universitarju fid-diplomazija fl-Università ta' Oxford bħala studjuża ta' Chevening. Sussegwentement, hija gradwat b'Bachelor of Laws (Hons.) u Master of Advocacy fl-Università ta' Malta. Dr Cutajar iddaħlet fl-Avukatura ta' Malta u hija membru tal-Kamra tal-Avukati ta' Malta. Fil-preżent Dr. Cutajar qed isservi bħala Ambaxxatur Straordinarju u Plenipotenzjarju għar-Repubblika tat-Turkija, Ambaxxata ta'Malta, ANKARA.

**Iċ-ċerimonja tal-premjazzjoni se ssir f'data aktar tard minħabba s-sitwazzjoni pandemika attwali u r-restrizzjonijiet imposti.**

The Għasri Local Council has the pleasure to announce that "Premju Ġieħ l-Għasri" 2020 has been awarded to Ambassador Dr. Theresa Cutajar.

Ambassador Theresa Cutajar obtained a B.A. (Hons.) in Economics from the University of Malta and a Master in Diplomacy from the Mediterranean Academy for Diplomatic Studies (MEDAC). She followed a post-graduate course in diplomacy at the University of Oxford as a Chevening scholar. Subsequently, she read Bachelor of Laws (Hons.) and a Master of Advocacy at the University of Malta. Dr Cutajar has been admitted to the Malta Bar and is a member of the Chamber of Advocates Malta. At present Dr. Cutajar is serving as Ambassador Extraordinary and Plenipotentiary to the Republic of Turkey, Embassy of Malta, ANKARA

**The awards ceremony will be held at a later date due to the current pandemic situation and restrictions.**

## Tilqim kontra l-Influwenza 2020/Influenza Vaccine 2020

It-tilqima kontra l-influwenza din is-sena se tingħata mill-Kura tas-Saħħa Primarja. Fl-Għasri se tingħata nhar il-Ħadd 11 ta' Ottubru mill-11:00 a.m. sas-1.30 p.m., It-Tnejn 12 ta' Ottubru mill-11:00 sas-1.30 u nhar l-Erbgħa 14 ta' Ottubru minn 4:30 p.m. sas-6:00 p.m. Dawk li jixtiequ jieħdu l-vaċċin għandhom iġibu magħhom il-karta tal-identità tagħhom u maskra tal-wiċċ. Persuna waħda biss tista' tidħol fil-kunsill. Jekk jogħġobkom tiġux kmieni għax ma titħallewx tidħlu fil-post.

The flu vaccine this year will be given by Primary Health Care. In Għasri it will be given on Sunday 11th October from 11:00 a.m. to 1:30 p.m., Monday 12th October from 11:00 to 1:30 and Wednesday 14th October from 4:30 p.m. to 6:00 p.m. Those wishing to receive the vaccine should bring their identity card and a face mask. One person at a time may enter the council premises. Please do not come early because you will not be allowed to enter.

**Ġabra *extra* kull nhar ta' Sibt** Il-Kunsill Lokali tal-Għasri javża li s-Servizz tal-ġbir tal-borża s-sewda ġie estiż matul ix-xaħar ta' Ottubru. Minn Novembru nerġgħu lura għas-skeda normali. Jiġifieri ma jsirx ġbir ta' skart nhar ta' Sibt u Ħadd. Il-Kunsill jitlob li dan is-servizz jiġi wżat b'mod tajjeb u li ma jkunx hemm min joħroġ il-borża s-sewda qabel jew wara dan il-ħin stipulat (qabel is-7 ta' filgħodu).

**Ġbir ta' Ħġieġ għar-Riċikklaġġ** Ir-riċiklaġġ tal-ħġieġ qed isir l-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Il-ħġieġ għandu jinħareġ f'kontenitur tal-plastik qabel is-7: 00 ta' filgħodu.

**An extra collection every Saturday** The Għasri Local Council notifies that the collection of the black bag (mixed waste) has been extended to the end of October. As from November we return to the normal schedule, that being that no refuse is collected on Saturday or Sunday. The council requests the collaboration of all its' residents in order to have a cleaner locality. Kindly do not take out refuse bags before or after the stipulated time.

**Collection of glass for recycling** Glass recycling is taking place the first Friday of the month. Glass should be taken out in a plastic container before 7:00 a.m.